**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 1549/97 AJM

Kawza numru

Farrugia Textiles Company Limited

Vs

Carmen Cristiano

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Lulju 1997 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi hija kienet timpjega lill-konvenuta bhala supervisor liema impieg gie terminat mis-socjeta' attrici fl-erbatax ta' Gunju tas-sena 1996 minhabba redundancy; illi l-konvenuta dehrilha li din it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet tkeccija ngusta u ghalhekk hija resqet il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali (Kaz numru 1064) fejn hija allegat li fix-xoghol taghha ma kienx hemm redundancy u li mhux l-impieg taghha kellu jigi terminat; illi t-Tribunal Industrijali ddecida il-kaz permezz ta' decizjoni numru 841 fit-12 ta' Gunju 1997, f'liema decizjoni it-Tribunal wara li elenka l-provi mressqa mill-partijiet,

identifika l-mertu tal-kaz u ghamel xi konsiderazzjonijiet sab "illi r-redundancy ma kienetx ghar-raguni gusta" u ordna lis-socjeta' attrici thallas kumpens ta' hames mija wiehed u disghin lira maltija (LM591.00) lill-konvenuta fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata; illi fl-istess decizjoni, inkluza l-parti indikata bhala "konsiderazzjoni" ma jirrizultaw ebda konsiderazzjonijiet jew ragunijiet li jissostanzjaw il-konkluzjonijiet tat-Tribunal illi "r-redundancy ma kienetx ghar-raguni gusta", b'tali mod illi sallum is-socjeta' attrici ghadha ma tistax tifhem kif it-Tribunal seta' qatt jasal ghal din il-konkluzjoni; illi imkien fid-decizjoni in kwistjoni ma jirrizulta l-ghaliex it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni illi ma kienx hemm redundancy jew l-ghaliex din it-terminazzjoni kienet b'xi mod ingusta; illi t-Tribunal Industrijali kif kompost taht l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ekwiparat ma' Qorti Superjuri u ghandu funzjoni gudizjarja in kwantu d-decizjoni tieghu ghandha l-effett ta' sentenza ta' Qorti ta' Malta; illi ai termini ta' l-artikolu 218 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u skond principji bazilari tal-gusitizzja naturali kull sentenza jew decizjoni bhalma hija din in kwistjoni ghandha taghti r-ragunijiet li fuqhom it-Tribunal ikun ibbaza d-decizjoni tieghu, liema ragunijiet ghandhom logikament ikunu intizi sabiex jissostanzjaw l-istess decizjoni; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 814 fil-kaz numru 1064 fl-ismijiet Carmen Cristiano vs Farrugia Textiles Company Limited moghtija nhar it-tnax (12) ta' Gunju 1997 hija nulla u minghajr effett fil-ligi in kwantu hija nieqsa mir-ragunijiet li jissostanzjaw l-istess decizjoni debitament rikjesti mil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta ngunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokument presentat mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenuta presentata fit-12 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-16 ta' April 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 1999 meta l-kawza giet imhollija sine die billi f'dik l-udjenza la deher l-attur u lanqas id-difensur tieghu. Rat ukoll id-digriet taghha tal-14 ta' Gunju 1999 metaq l-kawza reget giet appuntata ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 1999.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tas-socjeta' attrici.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq talba tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'materjata' tkeccija ngusta minn impieg it-Tribunal Industrijali mwaqqaf bl-Att XXX tal-1976 (illum Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta) ghandu

gurisdizzjoni esklussiva fid-determinazzjoni ta' kull ilment li jingieb quddiem skond l-istess Att. Fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu it-Tribunal ghandu l-istess poteri moghtija mill-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili lil Prim Awla tal-Qorti Civili izda "The Tribunal shall regulate its own procedure, but it shall endeavour to ensure that justice is done according to the substantive merits of the case, and, subject to the rules of natural justice, the Tribunal shall reach its conclusion on any matter in such a manner as it deems appropriate.".

Ikkunsidrat:-

Il-konvenuta odjerna kienet impjegata fil-kapacita' ta' supervisor mas-socjeta' attrici ghal cirka ghaxar snin qabel it-tkeccija taghha fl-14 ta' Gunju 1996 meta l-impieg taghha gie terinat fuq bazi ta' "redundancy" u dana peress li naqas il-volum ta' xoghol ghas-socjeta' li kienet timpjegaha.

Il-konvenuta hasset li din id-decizjoni kienet ingusta billi, kif jirrizulta mill-ittra taghha lis-Secretarju tat-Tribunal tas-6 ta' Awissu 1996 hija ssottomettiet illi (a) ghal l-ahhar erbgha snin tal-impieg taghha hija kienet tokkupa l-posizzjoni ta' "quality controller" u din il-kariga kienu tawha lil persuna ohra mhux daqstant kwalifikata, u (b) billi kienet tkeccit meta baqghet' fl-impieg persuna ohra – ukoll supervisor – li kienet dahlet tahdem warajha.

B'decizjoni tat-12 ta' Gunju 1997 (decizjoni numru 841) it-Tribunal Industrijali, wara li ha in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, inkluzi d-dokumenti ezebiti, u wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu, ikkonkluda favur t-tezi tal-konvenuta odjerna billi qal li "ir-redundancy

ma kienetx ghar-raguni gusta. Kien ghalhekk li l-istess Tribunal minflokk ordna r-"rienstatement" uza l-poteri tieghu taht l-artikolu 33 (2) tal-Kap 266 billi ordna li jithallas kumpens lilha fl-ammont ta' LM591.00.

Ikkunsidrat:-

B'dawn il-proceduri din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tiddikjara nulla id-decizjoni fuq imsemmija billi din tinsab "nieqsa mir-ragunijiet li jissostanzjaw l-istess decizjoni debitament rikjesti mil-ligi." Dan qed jinghad billi, skond is-socjeta' attrici, "imkien fid-decizjoni in kwistjoni ma jirrizulta l-ghaliex it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni illi ma kienx hemm redundancy jew l-ghaliex din it-terminazzjoni kienet b'xi mod ingusta."

Huwa minnu li t-Tribunal Industrijali ghandu liberta' fl-ghazla tal-procedura li tigi segwita. B'dana kollu dan ghandu jsir b'rispett lejn il-principji tal-gustizzja naturali b'mod li d-decizjoni ghandha tirrifletti l-mertu proprju tal-kwistjoni sabiex il-gustizzja mhux biss issir izda ukoll tidher li qed issir. Ghalhekk t-Tribunal Industrijali mhux ezenti mill-obbligi imposti fuq il-Qrati ordinarji li jirrikjedu li l-parti disposittiva tkun tirrifletti l-fatti u l-punti legali involuti fil-kaz.

Minn ezami tad-decizjoni fuq imsemmija jidher li ghalkemm fil-korp tas-sentenza it-Tribunal semma diversi punti ta' divergenza bejn il-kontendenti u rriproduca s-sottomissjonijiet ta' parti u ta' ohra, ma ezaminax il-kwistjoni principali tal-kaz li kellu quddiemu. Infatti l-ilment basiku tal-konvenuta odjerna kien li t-tkeccija taghha kienet ingusta billi ma kienx hemm kaz ta' redundancy u fi kwalunkwe kaz, jekk din

l-eventwalita’ kienet tezisti, kellu jkun impjegat iehor u mhux hi li titkecca.
Fid-decizjoni imsemmija insibu li t-Tribunal accerta li minhabba nuqqas ta’ xoghol ghal fabbrika kien hemm effettivament “redunanacies”. Jinghad hekk fis-sentenza “Hu fatt car li l-Kumpanija kienet ghaddejja minn zmienijiet ta' n’qqas ta' x’ghol tant illi rrizulta li kien hemm haddiema li anke telqu mix-xoghol minn jeddhom barra minn dawk li gew licenzjati mis-socjeta."

Dan stabbilit it-Tribunal kellu jezamina jekk verament fil-mument li nholqot ir-“redunadancy” fil-posizzjoni ta’ “supervisor” li waslet ghat-terminazzjoni ta’ l-impieg tal-konvenuta, kelliex tigi mkeccija il-konvenuta jew persuna ohra li kellha l-istess inkarigu. Dan minhabba l-principju ta’ “first in last out.” Fis-sentenza imsemmija ma insibu xejn dwar dan u ghalhekk l-attur odjern ghandu ragun jilmenta “illi sal lum is-socjeta’ attrici ghandha ma tistax tifhem kif it-Tribunal seta’ qatt wasal ghal din il-konkluzzjoni” u cioe li “r-redundancy ma kienetx ghar-raguni gusta.”

Xejn ma jiggova t-tezi tal-konvenuta l-fatt li xi zmien wara t-terminazzjoni ta’ l-impieg taghha rega kien hemm zvolta fix-xoghol tas-socjeta’ attrici u din reget bdiet timpjega persuna ohra billi fl-ewwel lok dan ma kienx il-bazi ta’ l-ilment taghha u fit-tieni lok, kif iddeterminat l-istess Tribunal Industrijali, dawn l-impjegati godda ma kellhomx l-kariga ta’ “supervisors”.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa’ t-talba attrici billi tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 841 fil-kaz numru 1064 fl-ismijiet Carmen Cristiano vs Farrugia Textiles Company Limited

moghtija nhar nhar it-Tnax ta' Gunju 1997 bhala nulla u minghajr effett fil-ligi.

Billi n-nuqqas li wassal ghad-decizjoni ta' din il-Qorti ma kienx imputabbli lill-konvenuta odjerna, jkun xieraq li l-ispejjes ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri